MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 192/2005

**A.**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici zzewget lil B nhar l-ewwel (1) t’Awissu tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) kif jirrizulta minn

certifikat taz-zwieg li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument ittra “A”;

Li l-kunsens ta’ l-attrici ghal dan iz-zwieg kien gie miksub bi vjolenza morali jew biza;

Li l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Li l-kunsens ta’ B ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Li l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga da’ parti ta’ B;

U illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini u tenur ta’ l-artikolu 19(1)(a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut B huwa null u bla effett fil-ligi;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-3 ta’ Awwissu,
2005 li permezz taghha Kuraturi eccepew:

1. Illi huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti B, izda m’ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti ta’ dan il-kaz ta’ annullament.

2. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici, ta' omissis u tal-Ispettur Zammit.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Awwissu, 1998 a bazi tal-artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti kif gia' inghad ma kinux f'posizzjoni li jressqu provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – li l-kunsens tal-attrici nkiseb bi vjolenza morali jew biza;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li l-attrici kienet terrorizzata mill-konvenut minn meta bdew ir-relazzjoni ta’ bejtniethom. Il-konvenut beda jhedded lill-attrici mill-bidu u gieghlha tizzewgu ghar-ragunijiet tieghu. Ix-xhieda tal-attrici hija kkonfermata minn dik ta’ Omissisu minn dak li xehed l-Ispettur Zammit li jindika ukoll li l-konvenut kellu problema kronika ta’ xorb li mmanifestat ruhha ftit wara z-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti jirrizultaw pruvati t-tlett kawzali proposti mill-attrici.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-1**
**ta’ Awwissu, 1998. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittijiet u spejjes tal-kuraturi deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------